# 100 sena mit-twelid tas-Surmast Hector Dalli (1914-2014)



Daniel Vella

*Magħruf l-aktar għall-imħabba kbira li għandu lejn il-baned u l-marċi Maltin, huwa preżentament jipproduċi u jippreżenta diversi programmi ta' marċi fuq stazzjonijiet radjufoniċi, fosthom dak nazzjonali u dawk f'irħula Maltin. Huwa wkoll jiġi mistieden jippreżenta kunċerti u programmi mużikali imtellgħin minn għaqdiet mużikali madwar Malta.*

Hector Dalli twieled fiż-Żejtun nhar l-14 ta' Ġunju tal-1914. Missieru Giuseppe Maria Dalli kien Surmast bravu u kapaċi ħafna, insibuh li kien Direttur tal-Banda Beland filwaqt li kien ukoll wieħed mill-Fundaturi meta fiż-Żejtun ġiet iffurmata il-*Labour Jazz Band* tant li kien l-ewwel Surmast tagħha. L-istess *Jazz Band* li baqgħet tiżviluppa f'dik li llum hija l-Għaqda Banda Żejtun.

Ta' disa' snin Hector kien idoqq il-flikornu u aktar tard il-kurunetta mal-Banda Beland. Hector kien idoqq ukoll il-pjanu tajjeb ħafna, tant li konna narawh bħala pjanista tas-*silent movies* fit-teatru taċ-Circolo Santa Katerina, każin fiż-Żejtun magħruf aħjar bħala dak "ta' Laċċi".

Beda l-istudju tiegħu m'hemmx dubju ma' missieru stess u aktar tard kompla jitħarreġ fl-armonija, il-kontrapunt u l-orkestrazzjoni taħt it-tmexxija tas-Surmast Ġużeppi Casapinta. Fl-1939 għadda mill-eżamijiet tal-*London College of Music.*

Wara li missieru Ġużeppi kien marad u ħass li ma setax ikompli jmexxi il-Banda Żejtun, il-baketta għaddiet għand ibnu Hector. Huwa baqa' f'din il-kariga sal-1950. Fl-istess żmien li Hector kien Surmast mal-Banda Żejtun, kien ukoll għal xi żmien Surmast mal-Banda San Mikiel ta' Ħaż Żabbar.

Minbarra iż-Żejtun u Ħaż Żabbar, Mro. Dalli kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, La Vincitrice tal-Isla u l-Leone tal-belt Victoria f'Għawdex, filwaqt li fl-1952 inħatar Surmast Direttur tal-Banda San Lawrenz tal-Birgu. Interessanti ukoll li Hector kien jaħdem it-Tarzna u hemmhekk kien hemm grupp ta' bandisti kapaċi, b'Hector ikun ukoll is-Surmast tal-Banda tat-Tarzna. Huwa serva wkoll bħala Surmast Direttur tal-Banda tal-Partit Laburista.

Fis-sena 1955 reġa' lura lejn l-ewwel banda li daqq magħha, il-Banda Beland taż-Żejtun. Hawn insibu lil Mro. Dalli li kiteb ħafna marċi tant li huwa baqa' Surmast ma din il-banda sakemm miet, kif l-istess seħħ mal-banda tal-Birgu.



L-ewwel marċ li kiteb kien jismu "*Sweet Dreams*", filwaqt li marċi brijużi oħra mill-pinna tiegħu huma: *Lorenza, Victory, Lucia, Hecdal, Asswero, Flamingos, Putatta, Cardenia* u ħafna oħrajn. Mro. Dalli jibqa' magħruf ukoll għall-kitba ta' diversi marċi funebri fosthom *A Mio Padre, L-Aħħar Tislima, A Mia Madre Tereża, The Last Honours* u oħrajn.

Ħafna huma dawk il-baned li sal-lum għadhom joħorġu mużika ta' dan is-Surmast ċelebri, b'mod speċjali baned li mexxa huwa stess.

Hector Dalli miet fl- 1 ta' Novembru tal-1980 fir-residenza tiegħu ġewwa Raħal Ġdid.

Hector Dalli kien wieħed mill-pilastri fil-qasam bandistiku Malti, dan għaliex kien ta kontribut kbir fil-pinna u d-direzzjoni tiegħu lil diversi baned. Il-ħeġġa tiegħu u l-imħabba lejn il-mużika ħalliet it-timbru fl-arti mużikali, tant hu hekk li il-wirt mużikali tiegħu baqa' jitgawda sal-lum il-ġurnata.



CD ta' Marċi Brijużi

*Akkwista kopja tal-aħħar cd ta' marċi brijużi maħruġa mill-Banda Sagra Familja*

Tista' tinkiseb mis-sede tas-Soċjetà għall-prezz ta' €12 biss!